**QORTI TA’ L-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D., MAG.JUR. (EUR.LAW)**

**Seduta ta’ nhar-il Erbgħa 26 ta’ Ottubru 2016**

**App. Nru. 312/13 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmel Polidano**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra l-imsemmi Carmel Polidano, detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 506259M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali talli:

(1) fis-17 ta` Awwissu 2006 u fil-granet ta’ qabel din id-data, f’dawn il-Gżejjer, bħala Direttur ta` Emarine Limited, Polidano Brothers Limited u Polidano Group Limited rema, iddepożita, skart f`post pubbliku, triq, jew spazju miftuħ li l-pubbliku għandu aċċess għalih, mingħajr ma` tali depożitu jew tħollija kien awtorizżat, u dan bi ksur tar-regolament 4 ta` l-A.L. 344 ta’ l-2005.

(2) fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi naqas milli jħares id-disposizzjonijiet ta’ l-A.L. 337 ta’ l-2001 jew aġixxa bi ksur ta’ l-istess Avviż bi ksur tar-regolamenti 6, 7, 9 u 26 ta’ A.L. 337 ta’ l-2001.

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' sejbien ta' ħtija tordna l-iskwalifika milli tinżamm jew tinkiseb liċenza, permess jew awtorita` għall-perijodu ta' mhux anqas minn sena;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-12 ta' Ġunju 2013, fejn dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Carmel Polidano ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu u lliberatu minnhom;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Ġenerali ppreżentat fit-2 ta' Lulju 2013, fejn talab li din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok issib lill-appellat Salvu Ellul ħati ta` l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tiegħu u tinfliġġi l-piena skond il-liġi;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellat esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet ix-xhieda; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** Din il-Qorti sejra fl-ewwel lok tikkunsidra s-sottomissjoni tad-difiża illi, in vista tal-fatt li l-pieni applikabbli għall-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat jaqgħu fil-kompetenza oriġinali tal-Qorti tal-Maġistrati, l-Avukat Ġenerali seta' jappella biss skond dak li jipprovdi l-artikolu 413(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali.

**6.** Issa, iż-żewġ imputazzjonijiet in kwistjoni jirrigwardaw Avviżi Legali li saru taħt il-Kap. 435 tal-Liġijiet ta' Malta (Att XX tas-sena 2001). Din il-leġislazzjoni sussidjarja ġiet trasposta għall-Kap. 504 bis-saħħa ta' l-Att X tas-sena 2010. Għalkemm il-leġislazzjoni sussidjarja taħt il-Kap 504 ġiet sussegwentement trasferita għall-Kap. 549 jew il-Kap 552, diversi artikoli tal-Kap 504 għadhom fis-seħħ, fosthom l-artikolu 97. Huma ta' rilevanza fl-ewwel lok is-subartikli (3) u (4) ta' dak l-artikolu li jistipulaw:

> "(3) Kull ordni, regola, bye-law, avviż, pjan jew policy jew strument ieħor li jkollu forza ta' liġi li jsiru jew inżammu fis-seħħ taħt l-awtorità ta' xi disposizzjoni tal-Att dwar l-Ippjanar ta l-Iżvilupp jew l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent <u>għandha tkompli sseħħ u għandu jibqa' jkollha effett bħallikieku magħmula taħt dan l-Att</u> u tista' tiġi emendata, sostitwita jew revokata skont hekk.
>
> (4) Kull liċenza, permess, awtorità, ordni, avviż jew ċertifikat, jew <u>kull prosekuzzjoni jew akkuża</u> mogħtija jew magħmula jew miżmuma fis-seħħ taħt xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp jew l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent <u>u li jkunu għadhom fis-seħħ minnufih qabel id-data li fiha jidħol fis-seħħ dan l-Att, għandhom minn dik id-data jibqgħu fis-seħħ bħallikieku kienu</u> liċenza, permess, awtorità, ordni, avviż jew ċertifikat, jew

prosekuzzjoni jew akkuża mogħtija jew magħmula taħt dispożizzjoni korrispondenti ta' dan l-Att, u kull liċenza, permess, awtorità, ordni, avviż jew ċertifikat, jew prosekuzzjoni jew akkuża bħal dawk hawn aktar qabel imsemmija għandhom jiġu trattati u jsir minnhom skont hekk" (sottolinear ta' din il-Qorti).

**7.** Konsegwentement huwa applikabbli l-artikolu 94(6) tal-Kap. 504 li jipprovdi għad-dritt ta' appell ta' l-Avukat Ġenerali. Dan is-subartikolu jipprovdi hekk:

"Minkejja d-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, l-Avukat Ġenerali għandu dejjem ikollu dritt ta' appell lill-Qorti tal-Appelli Kriminali minn kull sentenza mogħtija f'proċedimenti li jirriżultaw minn dan l-Att jew minn regolamenti, regoli jew ordnijiet magħmulin taħtu."

**8.** Anke l-istess Avviż Legali 337/2001 jipprovdi għad-dritt ta' appell ta' l-Avukat Ġenerali fir-regolament 28(3):

"Minkejja d-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, l-Avukat Ġenerali għandu dejjem ikollu dritt ta' appell Quddiem il-Qorti ta' Appell Kriminali minn kull sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) dwar proċedimenti għal xi reat kontra dawn ir-regolamenti."

**9.** Huwa għalhekk ċar illi l-Avukat Ġenerali kellu dritt ta' appell u konsegwentement l-eċċezzjoni ta' l-appellat ma tistax tirnexxi u qed tiġi miċħuda. B'hekk din il-Qorti se tgħaddi biex tikkunsidra l-appell ta' l-Avukat Ġenerali.

**10.** L-aggravji ta' l-appellant Avukat Ġenerali huma s-segwenti:

"Illi fl-20 ta' Gunju 2013 l-esponent ircieva l-atti tal-kawza u hassu aggravat bihom in kwantu l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ghamlet apprezzament manifestament zbaljat u rragjonevoli tal-provi.

"Illi fis-sentenza taghha l-Ewwel Qorti jidher li illiberat lil Carmel Polidano mill-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu ghaliex sabet xi forma ta` diskrepanza bejn il-verzjoni tal-prosekuzzjoni u dik tad-difiza dwar fejn effettivament kellu jintrema l-iskart in kwistjoni. Jidher ukoll li l-Ewwel Qorti strahet kompletament fuq dak li allegatament xehed il-Perit Bugeja fuq dan il-kaz tant li fil-konsiderazzjonijiet taghha l-Ewwel Qorti qalet is-segwenti:

"*'Illi jidher li hemm diskrepanzi serji bejn il-verzjoni tal-Prosekuzzjoni u dak tad-difiza. Waqt illi l-Prosekuzzjoni qedgha tinsisti li ma hemm l-ebda dubju li l-imputat kiser il-ligi talli tefa l-iskart fejn mhux suppost, id-difiza qed tinsisti u, in prova, gabet il-Perit Bugeja li dan l-iskart hija tefghatu f`dak il-post precizament indikat lilu mill-awtoritajiet kompetenti.*

"*'u dan li jghid il-Perit Bugeja li, fid-dettall minimu spjega dak li ghadda bejnhu, li kienet il-persuna inkarigata min-naha tal-Freeport sabiex jinnegozja mal-*

*awtoritajiet u jiddeterimina fejn ghandu jintrema l-iskart u l-awtoritajiet kompetenti.*

"*'Ghal dawn il-motivi l-imputat qed jigi illiberat ghaliex jirrizulta b`mod car u lampanti li l-iskart intrema mill-imputati ezattament fil-post fejn gie indikat lilu mill-awtoritajiet kompetenti.*

"**Illi l-esponent jirrileva li x-xhieda li l-Perit Joseph Bugeja ta fil-Qorti ma gietx traskritta. Dan hu nuqqas serju *stante* li x-xhieda tal-prosekuzzjoni kollha giet traskritta mentri stranament m'ghandniex ix-xhieda traskritta tal-Perit Joseph Bugeja li tant kienet importanti fid-decizjoni tal-Ewwel Qorti li tillibera lill-appellat.**

"Illi fil-fatt l-Perit Joseph Bugeja kien inizjalment tressaq mat-tlett ko-imputati l-ohra, Charles Polidano, Anthony Bezzina u Salvu Ellul izda gie illiberat mill-Qorti tal-Magistrati minhabba teknikalita` fil-mod kif inharget it-tahrika fil-konfront tieghu. Ghalhekk tajjeb li jinghad li l-Perit Joseph Bugeja kien ko-imputat u ghandu interess f`din l-istess kawza.

"Illi tenut kont ta' dan, l-esponent jissottometti li l-prosekuzzjoni gabet provi skjaccanti li juru minghajr dubju dettat mir-raguni li l-appellat bhala kuntrattur involut f`xoghol ta' kostruzzjoni fil-Freeport ma kellu l-ebda permess mill-awtoritajiet kompetenti sabiex jarmi terrapien fil-bahar kif fil-fatt ripetutament ghamel il-barra mill-Port ta' Marsaxlokk permezz tad-draken. Il-prosekuzzjoni tellghet diversi xhieda u pproduciet diversi dokumenti li juru dan pero` l-Ewwel Qorti dehrilha li ghandha tillibera minhabba diskrepanza bejn ix-xhieda tal-prosekuzzjoni u tad-difiza (liema diskrepanza hija minhabba dak li suppost xehed l-Perit Joe Bugeja).

"Illi d-difiza qed tibbaza l-argumenti taghha fuq dokument esebit a fol 5 li huwa permess numru 5614/94 mahrug mill-Awtorita` ta' l-Ippjanar liema permess gie interpretat b'mod zbaljat li jaghti s-setgha lill-Malta Freeport Corporation Ltd. twaddab skart gej mill-Freeport fil-bahar. Skont il-klawsola numru 4 ta` dan il-permess '*Any dumping of spoils is to be controlled and subject to approval by Secretary for the Environment*'. Fil-fatt din il-klawsola tistipula li qabel ma jkun hemm rimi ta' skart fil-bahar irid ikun hemm il-permess ambjentali mahrug mill-MEPA liema permess f'dan il-kaz ma kienx hemm. Dan gie konfermat kemm mix-xhieda tal-Ufficjali tal-MEPA Aimee Brincat u Elysia Borg kif ukoll mic-Chairman stess tal-MEPA Andrew Calleja.

"Fix-xhieda taghha Elysia Borg spjegat kjarament kif ma kien hemm l-ebda permess biex jintrema terrapien fil-bahar:

"*'Pros: Ara inti ghamilt xi ricerka dwar jekk xi operator f'Awissu tal-2006 kellux xi permessi biex jarmi gol-bahar?*

"*'Xhud: le, li ma kienx hemm permessi jigifieri. Permessi ta' barges li kien jezisti kien hemm ta' Bezzina, dan kellu permess biex jiddumpja fil-bahar dredged material. Issa f`dan il-kaz, it-terrapien li kien qed skond l-informazzjoni li ghandi jien jigifieri, it-terrapien li kien qed jintrema mill-barges ma kienx dredged*

*material, kien materjal jidher li kien materjal ta' skavar milli ta' dredged material.*

"Dan gie ikkonfermat ukoll mic-chairman tal-MEPA Andrew Calleja li fix-xhieda tieghu a fol 72 qal li kien baghat korrispondenza esebita a fol 7 tal-process fejn kien informa lill-Assistant Kummissarju Josie Brincat li l-permess numru 5614/94/DC00 ma kienx jippermetti lil Malta Freeport Corporation Ltd jarmi materjali fil-bahar u li r-rimi ta` materjal iehor fil-bahar li ma joriginax minn "dredging" ma hux kopert bil-permess.

"Illi tenut kont ta` dan kollu l-esponent jissottometti li ma hu minnu xejn li hemm diskrepanza bejn it-tezi tal-prosekuzzjoni u tad-difiza anzi kollox juri li fil-fatt Carmel Polidano, bhala operatur fil-Freeport u bhala persuna responsabbli tal-braken li gew uzati fir-rimi illegali ta' terrapien fil-bahar, kellu jinstab hati ta' rimi illegali ta' terrapien fil-bahar u dan ghaliex ir-rimi sar minghajr il-permess tal-awtorita` kompetenti."

**11.** Minn dan jidher li l-Avukat Ġenerali għandu aggravju uniku, u cioe` li l-ewwel Qorti m'għamlitx apprezzament tajjeb tal-provi. Dan naturalment jirrikjedi apprezzament mill-ġdid tal-provi. F'dan ir-rigward il-ġurisprudenza in materja ta' din il-Qorti hi ċara u kostanti fis-sens li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-ewwel Qorti jekk mhux għal raġunijiet gravi, b'mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta' dik il-Qorti fl-eventwalita` biss li l-ewwel Qorti ma setgħetx raġjonevolment u legalment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti.

**12.** Din il-Qorti tirrileva l-ewwelnett illi l-appelli li qegħdin jiġu deċiżi llum fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Anthony Bezzina (appell numru 310/13)** u **Il-Pulizija v. Salvu Ellul (appell numru 313/13)** jirrigwardaw l-istess mertu, instemgħu kontestwalment quddiem din il-Qorti, u difatti kienu anke nstemgħu kontestwalment quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Għalhekk għal dawk li huma provi u dokumentazzjoni, din il-Qorti rreferiet għat-tliet proċessi.

**13.** Waħda mill-provi prinċipali li ġabet il-prosekuzzjoni hija l-istqarrija ta' l-appellat. Wara s-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **Borg vs Malta** tat-12 ta' Jannar 2016, il-Qorti Kostituzzjonali kellha diversi okkażjonijiet biex tikkunsidra mill-ġdid il-kwistjoni tal-valur probatorju ta' stqarrija meħuda mingħajr assistenza legali. Hekk, fis-sentenza tagħha **Carmel Saliba vs l-Avukat Ġenerali** mogħtija fis-16 ta' Mejju 2016, qalet:

"17. Għalkemm din il-qorti temmen u ttenni illi l-interpretazzjoni minnha mogħtija fil-każ ta' <u>Charles Stephen Muscat</u> u sentenzi oħra mogħtija wara hija interpretazzjoni korretta u proporzjonata billi tilqa' għal abbużi min-naħa tal-prosekuzzjoni u tħares id-drittijiet ta' persuna akkużata b'reat kriminali, jidher li din l-interpretazzjoni – għallinqas fejn il-proċess kriminali jkun intemm – illum ma għadhiex aktar tenibbli fid-dawl tas-sentenza fuq imsemmija ta' <u>Borg v. Malta</u> mogħtija dan l-aħħar mill-Qorti Ewropea.

"18. Din il-qorti għalhekk illum hi tal-fehma li ma jkunx għaqli li tinsisti fuq l-interpretazzjoni li kienet tat fil-każ ta' Muscat, għalkemm ittenni li għadha temmen illi hija interpretazzjoni korretta, proporzjonata u ta' buon sens.

"19. Is-sentenza ta' Borg iżda għandha tinqara wkoll fid-dawl tas-sentenza l-oħra, ukoll fuq imsemmija, tal-istess Qorti Ewropea fil-każ ta' Dimech[1] fejn il-qorti tenniet illi trid tqis il-proċess fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq, u għalhekk, fejn il-proċess kriminali, bħal fil-każ tallum, għadu għaddej, trid tistenna li jintemm il-proċess biex tqisu fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq.

"20. Madankollu, fil-każ tallum il-qorti hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-attur għax tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attur billi fl-istqarrija tiegħu l-attur ammetta l-ħtija. Fiċ-ċirkostanzi  huwa xieraq illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali.

"21. Dan ma jfissirx illi l-istqarrija ttieħdet bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-attur; fid-dawl ta' dak kollu li ngħad fuq, partikolarment is-sentenza ta' **Dimech** il-ksur iseħħ jekk u meta jsir użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali. Anzi, meta tqis illi fl-istqarrija l-attur ta informazzjoni utli biex jistgħu jinqabdu terzi li jittraffikaw id-droga, il-pulizija kellha raġuni tajba biex tinterroga lill-attur minnufih biex tikseb din l-informazzjoni kemm jista' jkun malajr.

"22. Għalhekk il-qorti sejra tilqa' dan l-aggravju fis-sens biss li tgħid illi ma kienx hemm ksur tad-dritt tal-attur għal smigħ xieraq meta tteħditlu l-istqarrija, iżda, biex ma jseħħx dak il-ksur waqt il-proċess kontra l-attur, ma hijiex sejra tħassar l-ordni tal-ewwel qorti għat-tneħħija tal-istqarrija mill-inkartament tal-proċess...."

**14.** Jiġifieri, għalkemm fil-każ ta' **Borg vs Malta** il-proċeduri kriminali kienu ġew definittivament terminati, fil-każ ta' **Saliba**, fejn il-proċeduri kriminali kienu għadhom pendenti, il-Qorti Kostituzzjonali wkoll ikkonkludiet li l-istqarrija kellha tiġi sfilzata.

**15.** Fil-każ in eżami, waħda mill-provi prinċipali, jekk mhux il-prova prinċipali tal-prosekuzzjoni hija stqarrija rilaxxjata mill-appellat fl-24 ta' Awwissu 2006 meta allura l-liġi kienet b'mod skematiku tivvjeta l-assistenza legali qabel l-interrogazzjoni. Minn qari ta' l-istess stqarrija jirrizulta illi l-appellat Polidano għamel xi dikjarazzjonijiet li jistgħu b'xi mod ikunu inkriminatorji, u dan mingħajr ma kiseb preventivament il-parir legali u dan għaliex kif ingħad dan il-jedd ma kienx jeżisti fil-liġi viġenti f'dak iż-żmien. Għalhekk, fid-dawl ta' dak deċiż f'**Carmel Saliba vs l-Avukat Ġenerali**,[2] l-istqarrija ta' l-appellat qed tiġi skartata.

[1] Q.E.D.B. 2 ta' April 2015, rik  34373/13.
[2] Ara wkoll **Malcolm Said vs Avukat Ġenerali et**, Qorti Kostituzzjonali, 24 ta' Ġunju 2016.

**16.** Issa, l-Avukat Ġenerali jsostni li l-prosekuzzjoni ġabet provi skjaċċanti li juru mingħajr dubju dettat mir-raġuni li l-appellat ma kellu l-ebda permess mill-awtoritajiet kompetenti sabiex jarmi terrapien fil-baħar. Qabel xejn, pero`, irid jiġi stabbilit jekk saritx prova li ntema terrapien "fis-17 ta' Awwissu 2006 u fil-ġranet ta' qabel din id-data", kif jinsab akkużat l-appellat. Jiiġi stabbilit illi l-kliem "fil-ġranet ta' qabel" ċertament jirrestrinġi l-perijodu għal mhux aktar minn ġimgħa. F'dar-rigward qed issir referenza għax-xhieda tal-prosekuzzjoni:

**17.** Charles Debattista, *senior enforcement officer* mal-MEPA, xehed li kellu struzzjonijiet mingħand is-superjuri tiegħu biex jissiġilla rampa "li kienet qed tintuża allegatament għal *dumping* ta' materjal.... dan kien fit-18 ta' Awwissu 2006". Qabel ma saret l-operazzjoni, kien hemm xi diskussjonijiet u l-Perit inkarigat mill-Freeport, il-Perit Joe Bugeja, ta garanzija li ma ssirx aktar attivita` u b'hekk ir-rampa ma ġietx issiġillata. Qal ukoll li l-Perit Bugeja nfurmah li l-materjal kien ta' *dredging works* li, skond ix-xhud, "għandi informazzjoni li kienet permissibbli dik l-attivita`". Ikompli jgħid: "Biss skond ir-rapporti li kellna aħna kienu attivita` li qed jidħol il-materjal minn barra; jien dan xi smajt, ma rajt xejn għaliex kull ma mort biex nagħmel jien biex nissiġilla s-sit."

**18.** Aimee Brincat, uffiċjal tal-ambjent mal-MEPA, xehdet li f'Lulju 2006 bdew jirċievu lmenti dwar allegat rimi ta' skart fil-baħar minn *barge* li jimtela fil-Freeport u joħroġ jarmi eżatt kif joħroġ mill-Freeport u jerġa' jidħol. Fis-26 ta' Lulju marret tispezzjona, rat *barge* jitgħabba b'materjal ta' skavar, ċemplet is-sezzjoni tagħha, il-*Waste Management Unit*, fejn tkellmet ma' ċertu Mark O'Neill biex issaqsieh jekk il-*barge* Saulus kellux permess jarmi il-materjal dakinhar, u dan weġibha li ma kienx hemm tali permess. Għalhekk ċemplet lit-turretta biex tinfurmahom li dan il-*barge* ma kellux permess joħroġ mill-port. Meta rritornat l-uffiċċju, pero`, ġiet infurmata li kien hemm PA permit nru. 5614/94. Sussegwentement saret laqgħa fit-18 ta' Awwissu 2006 fejn kien hemm ukoll il-Perit Joe Bugeja li ndika li kien hemm l-imsemmi permess. Skond ix-xhud, hi qaltlu li dak ma kienx biżżejjed għax kien hemm bżonn permess tal-ippjanar u permess tal-ambjent. Qalet li l-Perit Bugeja nfurmaha li kien diġa` applika mal-*Waste Management Unit*. Ix-xhud qalet lid an il-permess eventwalment ħareġ.

**19.** Lance Bombardier Michael Pizzuto xehed li hu jaħdem it-turretta, il-Palazz, u hu kien irċieva telefonata mingħand il-*harbour master* fil-21 ta' Awwissu 2006 fis-sens li l-*hopper barges* Saulus u Paulus m'għandhomx permess jarmu.

**20.** Joe Bianco, *hydrographer* mal-Malta Maritime Authority, xehed illi l-Awtorita` kienet ħarġet permess lill-Malta Freeport biex jistgħu jmorru jarmu

*dredged material* fid-*dumping area offshore*, il-*Valletta Spoil Ground*. Ix-xhud esebixxa d-Dok JB li jdher li nħareġ fit-23 ta' Marzu 1995.

**21.** Elysia Borg, *environment inspector* mal-MEPA, xehdet li daħlet fil-każ fit-18 ta' Awwissu 2006 u attendiet il-laqgħa fejn kien hemm preżenti, *inter alia*, il-Perit Bugeja. Tgħid li waqt din il-laqgħa spjegawlu li r-rimi ta' terrapien fil-baħar ma kienx permissibbli speċjalment bil-*barge* li kienet qed tintuża li ma kellhiex permess u hu tahom garanzija li mhux se jkompli din l-operazzjoni. Tgħid li "permessi ta' *barges* li kien jeżisti kien hemm ta' Bezzina; dan kellu permess biex jiddumpja fil-baħar *dredged material*. Issa, f'dan il-każ, it-terrapien li kien qed skond l-informazzjoni li għandi jien jiġifieri, it-terrapien li kien qed jintrema mill-*barges* ma kienx *dredged material*". Dwar jekk il-*barge* Saulus kellux permess, iċċekkjat mal-MEPA u ma ċċekkjatx mal-Malta Maritime Authority.

**22.** Andrew Calleja, iċ-*Chairman* tal-MEPA, ikkonferma email li kien bagħat lill-Assistent Kummissarju Josie Brincat biex jispjegalu l-permessi li kien hemm favur il-Freeport (Dok. AMIII).

**23.** Ix-xiehda dwar rimi ta' materjal eżatt kif toħroġ mill-Freeport hi biss *hearsay*. L-ebda xhud ma nġab li xehed li ra dan ir-rimi fil-perijodu msemmi fiċ-ċitazzjoni (fis-17 ta' Awwissu 2006 u l-ġranet ta' qabel"). X'setgħet rat ix-xhud Aimee Brincat jitgħabba fuq barkun fis-26 ta' Lulju 2006 huwa rrilevanti għax ma jaqax fil-perijodu imputat. Lanqas ma nġabet prova dwar min kien qiegħed jitfa materjal fuq il-barkun. Inoltre ma nġabet l-ebda prova dwar ta' min kien il-barkun. Anzi x-xhud Elysia Borg tgħid li "Bezzina" kellu permessi ta' barkuni biex jiddumpja *dredged material*. Dan fil-fatt jirriżulta mid-Dok. AMVII.

**24.** Lanqas ma tista' tiġi njorata x-xiehda tal-Perit Joseph Bugeja quddiem din il-Qorti li spjega l-proċess ta' qtugħ u *dredging*, u l-permess li kien inħareġ fis-7 ta' Frar 1995 mid-Dipartiment għall-Ħarsien tal-Ambjent biex il-Freeport Corporation tkun tista' tiddisponi minn madwar 200,000 metri kubi ta' *dredging spoil* fis-sit indikat mill-Malta Maritime Authority, liema sit kien 'il barra mill-Belt.

**25.** Meħud dan kollu in konsiderazzjoni għalhekk, l-appell ma jistax jiġi milqugħ għax l-ewwel Qorti setgħet legalment u raġjonevolment tikkonkludi kif ikkonkludiet.

**26.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.